**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 13 ta' Marzu 2002**

**Numru** 7
**Citaz. Nru.** 1452/92 FD

**Costantina Micallef**

**Vs**

**Carmelo sive Charles Micallef**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti konjugi Micallef ma ghadhiex aktar possibbli minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi da parti tal-konvenut;

Premess illi l-attrici giet debitament awtorizzata illi tipprezenta din l-istanza permezz ta' digriet f'dan is-sens moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Ottubru 1992;

Talbet ghalhekk l-attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-kontendenti ghall-ragunijiet imputabbli lill-konvenut;

2. Tawtorizza l-attrici illi tghix separata mill-konvenut zewgha;

3. Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri Ronald u Matthew, ahwa Micallef tigi fdata lill-attrici salv l-access tal-konvenut fil-granet u l-hinijiet stabbiliti mill-Qorti;

4. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici martu ghaliha u ghall-imsemmija uliedha minuri dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet ta' l-attrici;

5. Tapplika interament jew in parti tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 56, 58 u 64(1) tal-Kodici Civili u separatament tordna illi l-attrici tigi moghtija l-piena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha;

6. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, billi, okkorrendo ghall-finijiet ta' dina t-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

7. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha dotali u parafernali taghha.

Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond' Awla ta' din il-Qorti, kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li fiha huwa eccepixxa:-

Illi l-kawza ma gietxipprezentata f'isem l-ulied ukoll u li ghalhekk it-talbiet attrici kellhom jigu limitati biss ghal fejn jirrigwardaw lill-istess attrici; u wkoll cahad l-allegazzjonijiet li ghamlet martu u oppona t-talba ghal separazzjoni. Fin-nuqqas li tintlaqgha l-opposizjoni tieghu, l-konvenut

allega illi l-htija ghal separazzjoni hija ta' martu peress li abbandunat id-dar konjugali, u illi ghaddejja minn perjodu ta' instabbilita` fizika u psikologika, u kien ghalhekk ukoll li oppona li l-kustodja ta' l-ulied minuri jigu fdati f'idejha;

Ghamel wkoll riserva ghal eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut, u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat il-kontro-talba intavolata mill-istess konvenut fejn talab li ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali a bazi ta' l-Artikolu 40 tal-Kodici Civili; u li l-attrici tigi dikjarata li tilfet id-drittijiet taghha ghal sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti, u li t-tfal minuri jigu fdati f'idejh b'mod li jkun obbligat li jmantni lill-uliedu minuri; inoltre talab li hu ghandu jibqa' jabita fid-dar matrimonjali;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut akkompanjanti l-kontro-talba tieghu, l-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attrici in risposta ghall-imsemmija kontra-talba, fejn hija opponiet ghad-domandi li kien fiha peress li kienu infondati;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici akkompanjanti l-istess nota ta' l-

eccezzjonijiet u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Mejju 1993 li permezz tieghu gie nominat l-avukat Dr. Mark Chetcuti bhala espert legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Frar 1997 li permezz gie nominat bhala espert tekniku l-AIC Joe Ellul Vincenti biex jaghmel stima tal-fond matrimonjali kif ukoll ta' l-appartament li l-kontendenti ghandhom f'San Pawl il-Bahar;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess esperti nominati li jinsabu a fol. 162 *et sequitur* tal-process u li gew minnhom debitament konfermati fl-Udjenza tal-25 ta' Frar, 1998;

Rat il-prospett esebit mill-attrici dwar l-assi tal-konvenut li jinsab a fol. 200 *et sequitur* tal-process;

Semghet lid-difensuri, lill-kontendenti u lix-xhieda minnhom prodotti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi l-attrici pprezentat din ic-citazzjoni biex il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn iz-zewg kontendenti minhabba htijiet imputabbli lill-konvenut u ghamlet ukoll is-soliti talbiet relattivi ghall-kura u kustodja tat-tfal minuri Ronald u Matthew, kif ukoll ghall-manteniment ghaliha u ghall-imsemmija uliedha u talbet ukoll l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet kontra l-konvenut ta' l-artikoli citati fl-att tac-citazzjoni u wkoll talbet ix-xoljiment u d-divizjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti u r-ritorn tal-beni kollha dotali u parafernali taghha;

Illi minn naha tieghu l-konvenut cahad l-allegazzjonijiet tan-nuqqasijiet lilu attribwiti minn martu u stqarr li huwa kien jopponi ghal tali separazzjoni li pero` f'kull kaz jekk kellha tigi moghtija din kellha tkun ibbazata fuq htijiet imputabbli lill-istess attrici;

Illi dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri, il-konvenut eccepixxa li dan kellu jigi fdat f'idejh peress illi l-attrici kienet ghaddejja minn perjodu fiziku u psikologiku ferm instabbli;

Illi minn naha tieghu l-konvenut ipprezenta kontro-talbiet fejn talab li s-separazzjoni tigi ppronunzjata kontra l-attrici abbazi ta' l-Artikolu 40 tal-Kodici Civili, u li l-Qorti tiddikjara li l-istess attrici tilfet id-drittijiet taghha ghal sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti, kif ukoll li t-tfal minuri jigu fdati

f'idejn il-konvenut, u li hu jibqa' jabita fid-dar konjugali;

Illi mir-rizultanzi processwali irrizulta li l-kontendenti kienu ltaqghu l-Kanada u zzewgu wara xi erba' snin minn meta saru jafu lil xulxin u miz-zwieg taghhom kellhom tlett itfal; damu jghixu fil-Kanada sa l-1986;

Illi l-attrici tati bhala raguni fundamentali ghas-separazzjoni bejniethom in-nuqqas ta' rispett li zewgha kien juri fil-konfronti taghha; dan in-nuqqas ta' rispett kien jimmanifesta ruhu f'diversi modi. Il-konvenut kien mohhu biss biex jaghmel il-flus u minhabba f'hekk hija kienet kostretta tghix dawk is-snin f'sagrificcju kbir; il-kontendenti kienu kontinwament jiggieldu fuq il-flus u fuq il-kontijiet li kienu jridu jithallsu. L-attrici tispjega li hu kien jippretendi li tghaddi bil-minimu tal-flus u anki billi hija kellha tohrog tahdem; kien iqis il-bzonnijiet tal-hwejjeg ghaliha u ghal uliedha bhala kapricci u hija kienet tkun sahansitra kostretta tissellef minghand il-familjari taghha; il-konvenut kien anke jixtri l-groceries huwa stess biex jipprova jonfoq dejjem mill-inqas. L-attrici xehdet li anke fit-trobbija tat-tfal il-konvenut qatt ma ha parti attiva u ziedet tghid illi minn mindu gew Malta beda jipprova jdawwar lit-tfal kontra taghha u jghidilhom li kienet mignuna u li ma kellhomx ghalfejn jaghtu kasha. L-attrici xehdet ukoll illi oltre milli kien jinsolentha bi kliem, kien anke jerfa' idejh fuqha u ghalkemm dan l-agir ma kienx tant vjolenti kien hemm ukoll

okkazjonijiet meta weggaghha tant li anki kisrilha mnehirha;

Illi l-konvenut fil-verzjoni minnu moghtija jaghti stampa ghal kollox differenti minn dik ta' l-attrici u jallega li l-falliment taz-zwieg kien dovut ghan-nuqqas ta' fiducja li l-attrici kienet turi fih b'ghira u suspetti kontinwi; huwa jallega illi minn mindu l-attrici kienet kostretta taghmel l-operazzjoni ta' hysterectomy - dan ftit snin qabel ma rritornaw hawn Malta - l-ghira taghha saret insapportabbli;

Illi minn naha tieghu l-konvenut jghid li l-vjolenza kienet gejja minn naha ta' l-istess attrici u jsemmi meta f'okkazzjoni minnhom kienet tatu daqqa ta' ponn fuq widintu u hu minn naha tieghu laqatha fuq imnehirha;

Illi z-zewg partijiet jaghmlu allegazzjonijiet reciproci ghall-adulterju jew nuqqasijiet simili, izda l-ebda parti minnhom ma ressqet ebda hjiel ta' prova f'dan ir-rigward; il-konvenut jaghti stampa ta' martu bhala wahda li dejjem ingannatu u jasal sahansitra biex jghid anki li meta kellhom it-tfal dawn gew b'ingann; kienu ftehmu li ma jkollhomx tfal ghal ftit snin izda hija kienet ghamlet b'tali mod li tinqabad tqila nonostante il-prekawzjonijiet li l-konvenut minghalih kienu qed jittiehdu; ghal fini tal-kredibilita`, dana kollu wiehed irid jikkonsidrah fl-isfond mhux li l-attrici harget darba tqila imma li l-attrici harget tqila tliet darbiet.

Il-kontendenti ma qabblu f'xejn anqas min minnhom ried jigi lura mill-Kanada u kull parti twahhal

fil-parti l-ohra illi riedet li jirritornaw Malta. Il-konvenut spjega li anke hawn Malta l-glied baqa' jizdied u l-attrici kienet anke tiggieled mal-girien u ma' tal-grocer u kienet iddahlu f'hafna inkwiet; ma jistax ma jigix rilevat illi dwar dawn l-allegazzjonijiet ukoll ma tressqu ebda provi;

Illi ma jistax ma jigix rilevat illi l-kontendenti ma ressqu ebda prova barranija ghall-allegazzjonijiet serji illi huma jaghmlu u mill-verzjonijiet minnhom moghtija, u l-Qorti taqbel ma' l-abbli relatur li t-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg gie kawzat min-nuqqasijiet taz-zewg kontendenti, li flok sewwew id-divergenzi taghhom u gharfu jghixu ta' koppja mizzewga, uzaw kull mezz biex iweggghu lil xulxin u jaghmlu l-ghixien flimkien insapportabbli;

Illi l-Qorti taqbel ukoll ma' l-istess relatur li "*jemmen lill-attrici meta tallega li l-konvenut kien rejb wisq maghha u ma' uliedha u ghazel it-tfaddil ghal kumdita` u paci familjari. L-esponenti mhux jghid li l-konvenut huwa ragel hazin imma l-agir tieghu konsiderat f'dak li huma prioritajiet fil-hajja mizzewga, irrenda z-zwieg difficli. L-attrici minn naha taghha ghandha karattru ftit nevrotiku u ma gharfitx tirrimedja din is-sitwazzjoni u anzi ghamlet minn kollox biex tiggieled mal-konvenut biex tghaddi taghha.*";

Illi fid-dawl ta' dan li intqal u anki fid-dawl ta' osservazzjonijiet ohra maghmula mill-abbli relatur fir-rapport tieghu, il-Qorti taqbel li mill-provi prodotti rrizulta li z-zwieg tkisser

irremedjabilment bi htija reciproka tal-kontendenti;

Illi x-xehha tal-konvenut dehret b'mod tassew lampanti fin-nuqqas tieghu li jhallas is-somma mizera li kienet giet degretata favur l-attrici kwazi ghaxar snin ilu u qatt varjata, meta huwa fil-fatt kellu f'idejh dawk il-mijiet ta' eluf ta' dollari li certament kien jaf jamministrahom b'mod tassew fruttiferu; din ix-xehha tohrog ukoll aktar fl-apert meta wiehed jiftakar li l-konvenut qatt ma pprova jaghti l-impressjoni li huwa kien wisq kontra l-mara, anzi jistqarr li huwa kien jopponi li jkun hemm separazzjoni, u b'dana kollu ma kienx jasal biex johrog dawk il-ftit flus proprju biex lil din il-mara li maghha ried ikompli jghix, jaghtiha l-minimu ordnat mill-Qorti; jigi rilevat li anki fil-kontro-talba tieghu il-konvenut wera li l-aktar punt ghalih importanti huma il-flus u talab li hija titlef kull sehem fil-komunjoni ta' l-akkwisti li irnexxilhom igemmghu. Il-Qorti tifhem li din ir-reghba kwazi patologika tieghu kkontribwit mhux ftit ghall-falliment taz-zwieg;

Illi l-Qorti osservat ukoll l-insistenza tal-konvenut dwar is-sitwazzjoni psikologika ta' martu li tidher li kienet ukoll rikoverata minhabba dan; ma irrizultax li huwa pprova jghinha f'qaghda tant difficli imma baqa' jinsisti li l-flus izzomhom kollha hu;

Illi dwar il-kwistjoni ta' l-ulied minuri, ghalkemm ma hemmx dokumenti definittivi, il-Qorti tifhem li llum ulied kollha ghandhom l-eta`

taghhom u ghalhekk sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba fir-rigward taghhom;

Illi l-punt li l-aktar dwaru tressqu provi huwa proprju l-komunjoni ta' l-akkwisti u d-divizjoni taghha. Illi mill-provi li kienu tressqu quddiem l-espert legali rrizulta li l-komunjoni ta' l-akkwisti kienet tikkomprendi fid-dar matrimonali fi Triq is-Snajja, il-Mosta u c-cens ghas-sitt snin li fadal ta' l-appartament f'St. George's Street, San Pawl il-Bahar, illi naturalment gewwa dawn l-beni immobbli hemm ukoll l-ghamara li jidher li inxtrat sekondaman u fil-fehma ta' l-istess relatur ma kellha tinghata ebda valur;

Illi dwar id-divizjoni ta' dawn il-beni immobbli l-Qorti ma taqbilx ma' l-abbli relatur illi d-dar imsemmija ghandha tigi assenjata lill-konvenut waqt li l-appartament b'cens ta' ftit snin jigi assenjat lill-attrici. Il-valur indikat mill-espert tekniku ghad-dar matrimonjali huwa ta' Lm55,000 waqt illi l-valur moghti ghall-appartament li fih tabita l-attrici huwa biss ta' Lm2000; jigi wkoll rilevat illi peress li issa ghaddew madwar erba' snin mill-istima tal-perit imsemmi, il-probabilta` anzi certezza hi li l-valur tad-dar zdied konsiderevolment waqt li dak ta' l-appartament naqas minhabba li t-terminu tac-cens huwa aktar vicin; f'valuri tant qawwija l-Qorti tifhem li l-partijiet ghandhom izommu s-sehem taghhom f'kull wiehed mill-fondi izda hadd ma ghandu ebda dritt ulterjuri fuqhom anqas dak ta' residenza b'mod li jekk ma jaqblux dwar din is-sitwazzjoni attwali, ikollhom id-dritt li dawn il-proprjetajier jigu mibjugha u l-introjtu diviz;

Illi barra minn dawn il-beni immobbli fil-komunjoni oltre l-vettura ta' ftit valur hemm diversi depoziti bankarji ta' certu entita`; dwar dawn sfortunatament il-konvenut ma ghamel l-ebda kumment lanqas wara li l-attrici esebiet dokumenti li indikaw li kien hemm ohrajn oltre dawk li originarjament kienet semmiet lill-espert legali qabel ma gie redatt ir-rapport;

Illi skond l-espert legali kien hemm kont kurrenti mal-Bank of Valletta f'dollari Kanadizi u li fih fl-1994 kien hemm 37,500 Dollaru Kanadiz; kien hemm ukoll zewg Investment Certificates ta' Royal Trust Corporation of Canada li f'Ottubru 1996 kellhom wiehed 67,000 Dollaru Kanadiz u l-iehor 66,000 Dollaru Kanadiz u kienu bl-imghax ta' 9.75 *per centum*; irrizulta wkoll li kien hemm Investment Builders Account gewwa l-Kanada li f'Dicembru 1995 kien fih 27,532 Dollaru Kanadiz li minnhom il-konvenut gibed 25,000 - irrizulta li ma kienx veru dak li qal il-konvenut li dawn il-25000 kien iddepozithom fil-kont tal-Bank of Valletta imsemmi peress li sena qabel, cioe` fl-1994 fl-imsemmi kont tal-Bank of Valletta kien hemm 37,500 Dollaru; irid jigi wkoll rilevat li l-konvenut ma cahadx illi jista' jkun illi f'dan l-istess kont kien hemm zmien meta kien hemm 50,000 Dollaru Kanadiz; dan juri kemm il-konvenut seta' icaqlaq il-fondi u juzahom kif jidhirlu hu – ovvjament anki bl-iskop li dawn ma jmorrux ghand martu;

Illi ghalhekk dawn l-erba' kontijiet, hames snin ilu kienu jigbru fihom is-somma ta' mija u tmienja u disghin elf (198,000) Dollaru Kanadiz u

dawn il-kontijiet gew debitament konstatati mill-abbli relatur;

Illi l-Qorti ma tistax tosserva li l-imghaxijiet percepiti fuq dawn is-sommom kollha lahqu certment hafna eluf ta' dollari f'sena anke kieku l-imghax kien aktar baxx minn 9.75% imsemmija aktar 'l fuq;

Illi mill-atti tal-process jirrizulta wkoll li stante li saru fil-perjodu qabel bdew il-proceduri gudizzjarji, uhud minn dawn il-kontijiet kienu intestati f'isem il-konvenut, uhud minnhom f'isem l-attrici u ohrajn f'isimhom it-tnejn flimkien; pero` ma hemmx dubju li dawn jifformaw parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti; dwar il-beni dotali jew dak li kellhom il-partijiet qabel iz-zwieg ma tressqux provi hlief dwar il-pensjoni;

Illi rrizulta wkoll illi dawn il-kontijiet gew dejjem u esklusivament operati mill-konvenut li pero` ma ta l-ebda spjegazzjoni ta' x'sar mill-eluf kbar ta' dollari li gew percepiti bhala interessi; minhabba f'dan il-Qorti ma tarax li huwa gustifikat u anqas opportun illi tigi mnaqqsa xi somma favur il-konvenut kif suggerit mill-espert legali, veru li l-konvenut ma kienx jahdem pero` b'dawk l-interessi kollha wiehed jifhem illi anqas kellu wisq bzonn li jfittex xi impjieg iehor;

Illi barra dawn il-kontijiet kollha, irrizulta wkoll skond ir-relazzjoni peritali li l-konvenut ghandu pension fund ta' 28,000 Dollaru Kanadiz illi jista' jehodha meta jaghlaw 65 sena u li hu

beda din il-fund minn xi hames snin qabel ma zzewweg u ghadu jhallasha sallum; il-Qorti tiddeciedi li meta dan il-fund tigi percepita bhala somma jew bhala pagamenti mensili, zewg terzi minn dan ir-rikavat ghandu jkun percepit mill-konvenut u t-terz l-iehor ghandu jinghata lill-attrici u dan irrispettivament minn kull ammont iehor li l-attrici tkun tipposjedi;

Illi wara l-presentata ta' l-imsemmija relazzjoni, l-attrici ressqet ukoll provi dwar tliet kontijiet ohra li hija saret taf li kienu jappartjenu wkoll lill-konvenut u lill-komunjoni ta' l-akkwisti. Dawn kienu zewg kontijiet ma' Royal Trust u n-numru tal-kontijiet huma 1771495 u Z00262834 u li mid-dokumenti esebiti jirrizulta li jammontaw wiehed ghal 67,000 Dollaru Kanadiz u l-iehor ghal 38,145 Dollaru Kanadiz; illi l-attrici resqet ukoll provi dwar it-tielet kont cioe` savings account mal-Bank of Valletta bin-numru 17208424028 li f'Ottubru tas-sena 2000 kien fih 8394 liri Maltin;

Illi dwar dawn il-kontijiet xehdet l-attrici fejn tat l-ispjegazzjonijiet mehtiega u f'seduta ohra xehed ukoll rapprezentant tal-Bank of Valletta fejn ipprezenta d-dokumenti relattivi; f'din is-seduta kien ukoll prezenti l-istess konvenut illi wkoll ta x-xhieda tieghu fir-rigward ta' dan il-kont.

Illi ghalhekk oltre l-198,000 Dollari imsemmija fir-rapport peritali jridu jizdiedu wkoll 105,145 Dollari ohra kif ukoll Lm8000; dawn ic-cifri jaqblu ma' l-istqarrija ta' l-attrici meta qalet li ta' 44 sena zewgha kien gja gemma kwart ta'

miljun dollaru u li b'dik is-somma huwa kien ried jirtira;

Illi l-Qorti ma hijiex qed tiehu in konsiderazzjoni kontijiet ohra zghar u lanqas ma hi ser toqghod tikkontja l-imghaxijiet illi thallsu minn zmien ghal zmien li certament jappartjenu u gew utilizzati mill-istess konvenut; ma jistax ma jigix ukoll rilevat li l-konvenut naqas li jhallas manteniment ghal bosta snin lil martu u lit-tifel taghhom minuri taht xi skuza jew ohra u dan kollu ser jigi mehud in konsiderazzjoni fid-divizjoni ta' l-assi li ser tigi deciza aktar 'il quddiem;

Illi dwar it-talba ta' l-attrici relattiva ghal beni dotali u parafernali, il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba peress illi ma tressqux provi dwar il-beni li kienu qed jintalbu.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-ewwel zewg talbiet fic-citazzjoni u l-Ewwel Kontro-Talba, billi tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba htijiet imputabbli liz-zewg kontendenti;

Tichad l-ewwel parti tal-Hames Talba attrici u tilqa' t-tieni parti u ghal kull buon tikkonferma li l-attrici tigi moghtija l-piena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha;

Kif ukoll tichad it-Tieni, it-Tielet u r-Raba' Kontro-Talba peress li ma jissussistux ir-rekwiziti ghal tali dikjarazzjoni;

In vista ta' l-eta` ta' l-ulied, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-Tielet Talba tac-citazzjoni kif ukoll tal-Hames u s-Sitt Kontro-Talba;

Tilqa' s-Seba' Kontro-Talba u tordna li l-kontendenti tilfu d-drittijiet reciproci successorji taghhom;

Tichad it-Tmien Kontro-Talba;

Tichad ir-Raba' Talba tac-citazzjoni in vista tal-fatt li l-beni li minnhom jidhlu interessi imsemmija aktar 'il fuq ser jigu divizi bejn il-kontendenti, u ghalhekk mhux il-kaz li xi parti tikkontribbwixxi fil-manteniment tal-parti l-ohra;

Tilqa' s-Sitt Talba tac-citazzjoni u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti sa issa ezistenti bejn il-kontendenti u tillikwida din il-komunjoni billi tiddikjara li tikkonsisti fis-segwenti kontijiet jew depoziti bankarji:

1. Investment Certificate ma' Royal Trust Corporation of Canada numru 1771682 bl-ammont ta' sebgha u sittin elf (67,000) Dollaru Kanadiz;
2. Investment Certificate ma' Royal Trust Corporation of Canada numru 1771165 bl-ammont ta' sitta u sittin elf (66,000) Dollaru Kanadiz;

3. Investment Builders Account fil-Kanada bin-numru 3301449 bl-ammont ta' sebgha u tletin elf u hames mitt (37,500) Dollaru Kanadiz;
4. Kont ma' Royal Trust tal-Kanada numru 1771495 bl-ammont ta' sebgha u sittin elf (67,000) Dollaru Kanadiz;
5. Kont ma' Royal Trust tal-Kanada numru Z00262834 bl-ammont ta' tmienja u tletin elf, mija u hamsa u erbghin (38,145) Dollaru Kanadiz;
6. Kont ma' Bank of Valletta numru 17208424015 bl-ammont ta' sebgha u tletin elf u hames mitt (37,500) Dollaru Kanadiz;
7. Kont savings ma' Bank of Valletta numru 17208424028 bl-ammont ta' tmint elef tliet mija u erbgha u disghin (8394) liri Maltin;

Oltre dawn id-depoziti, il-komunjoni ta' l-akkwisti tikkomprendi wkoll id-dar "Mondonovic" Triq is-Snajja, Mosta u c-cens temporanju ghal perjodu li fadal tal-fond 2, St. Joseph Flats, St. George's Street, San Pawl il-Bahar, vettura Mazda 323 mixtrija fl-1986 kif ukoll Pension Fund ta' tmienja u ghoxrin elf (28,000) Dollaru Kanadiz favur il-konvenut; tiddividi dawn l-assi tal-komunjoni billi tassenja lill-attrici per saldu ta' sehemha ta' mija sitta u hamsin elf, hames mija u tnejn u sebghin (156,572) Dollari Kanadizi mid-depoziti imsemmija - dan l-ammont ghandu jithallas lill-attrici billi zzomm ghaliha dawk il-kontijiet li prezentement jinsabu f'isimha waqt li l-konvenut ikun ikkundannat ihallas lill-attrici l-bilanc mill-kontijiet l-ohra b'mod li l-attrici tkun irceviet is-somma imsemmija ta' 156,572 Dollari Kanadizi - is-somma ta' erbat elef mija u sebgha u disghin (4197)

liri Maltin mill-kont savings mal-Bank of Valletta hawn fuq imsemmi, in-nofs indiviz tad-dar "Mondonovic" Triq is-Snajja, il-Mosta, u c-cens temporanju ghal perjodu li fadal tal-fond 2, St. Joseph Flats, St. George's Street, San Pawl il-Bahar, fuq liema zewg fondi l-partijiet ma ghandhom ebda dritt iehor anqas dak ta' residenza, kif ukoll id-dritt li tippercepixxi terz tar-rikavat mill-Pension Fund ta' tmienja u ghoxrin elf (28,000) Dollaru Kanadiz hawn fuq imsemmija meta din tibda tigi percepita mill-konvenut; waqt li lill-konvenut tassenjalu il-bilanc mid-depoziti f'Dollari Kanadizi wara li l-attrici tkun rceviet is-sehem taghha hawn fuq imsemmi, il-bilanc tal-kont savings tal-Bank of Valletta hawn fuq imsemmi, il-vettura Mazda 323, kif ukoll in-nofs indiviz l-iehor tad-dar "Mondonovan" Triq is-Snajja, il-Mosta u tac-cens temporanju ghal perjodu li fadal tal-fond 2, St. Joseph Flats, St. George's Street, San Pawl il-Bahar, kif ukoll iz-zewg terzi tal-Pension Fund fuq imsemmija meta din tibda tigi minnu percepita.

L-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur